TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 26/13/GB

**Paul Degabriele**

**vs**

**Gun & Rod Ltd.**

Illum 15 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mitt Ewro (€400.00), rapprezentanti jumejn kacca li tilef minn 'hunting tour' li bbukkja minghand is-socjeta' ntimata, u dana minhabba nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Kienu marru grupp ta' erbgha persuni ghall-kacca l-Egittu, mas-socjeta' ntimata. Kienu hallsu elf Ewro (€1,000.00) kull wiehed ta' sitt ijiem kacca. Kienu hallsu wkoll tmien mitt ewro (€800.00) biex itellghu mitejn (€200) skartocc kull wiehed maghhom. Meta waslu l-Egittu, zammewhom l-ajruport ghaliex ma kellhomx il-permessi mehtiega, meta suppost kellhom kollox imhallas. Biex l-iskratacc haduhom lura regghu hallsu elf u mitejn Lira Egizzjana, ekwivalenti ghal mija u hamsin Ewro (€150.00). apparti minn hekk, ir-rikorrent tilef jumejn kacca ghaliex telgha ghall-iskratacc darbtejn l-ajruport tal-Kajr.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija giet informatha mill-Agent taghha, li meta l-grupp ta' erbgha klijenti waslu l-Kajr, impjegat tad-dwana Egizzjana, bla ebda raguni, zammhom u ordna li jittiehdu l-iskratacc tal-klijenti taghha. Minnufih, is-socjeta' ntimata, permezz tal-Agent taghha, offriet rimedju ghal din il-problema. Hija offriet li l-klijenti setghu juzaw l-iskratacc taghha, bla hlas, sakemm hija ggibilhom taghhom. Imbaghad, meta dawn jaslu ghand il-klijenti, huma jaghtu, bi tpartit, dawk l-iskratacc li jkunu uzaw, u dan dejjem minghajr hlas.

Mill-erbgha klijenti, tnejn accettaw u tnejn ma accettawx, izda sakemm marru ghall-iskratacc fil-Kajr, huma ghamlu uzu wkoll mill-iskratacc tas-socjeta' ntimata. Ir-rikorrent xorta ried imur huwa l-Kajr biex igib l-iskratacc tieghu. Din kienet ghazla tieghu u hadd ma baghtu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok.G&R1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm in-negozjant responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin u/jew jipprova jaqla' lira minn fuq dar l-istess. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghat-telf ta' hin u spejjez li seta' sofra r-rikorrent. Mill-provi li ngabu, it-Tribunal huwa konvint illi ma kien hemm ebda lok ghal ilment ta' dan it-tip – b'referenza specifika ghad-dokument ezebiet u mmarkat Dok.G&R1, josserva l-fatt illi s-socjeta' ntimata kienet offriet rimedju immedjat lir-rikorrent, liema rimedju ma giex accettat mir-rikorrent fuq decizjoni tieghu stess u minghajr ebda raguni valida. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed isib it-talba tar-rikorrent

manifestament frivola u qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**